MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 891/2003

**Publius Said**

**Vs**

**PDK Financial Services Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab l-ammont ta’ 4000,000 (erba’ miljuni liri Taljani) ekwivalenti skond l-Avviz ghal Lm800.00c (tmien mitt lira Maltin) rappresentanti l-valur ta’ zewg cekkijiet li l-attur ikkonsenja lis-socjeta’ konvenuta u “in rispett ta’ liema l-istess socjeta’ naqset milli taghti kunsiderazzjoni u inoltre minn liema cekkijiet l-istess socjeta’ konvenuta hija sprovvista”.

Ra li s-socjeta’ konvenuta ppresentat Risposta fejn qalet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Jirrisulta li hemm qbil sostanzjali dwar il-fatti. L-attur kien ippresenta zewg cekkijiet lis-socjeta' konvenuta liema cheques gew accettati bil-kundizzjoni li s-socjeta' konvenuta tkun tista ssarafhom qabel ma jhallsu lill-attur.

Dawn ic-cheques gew mibghuta mis-socjeta' konvenuta Bank barra minn Malta sabiex dan il-Bank ikun jista jitlob il-hlas minn ghand il-Bank li hareg ic-cheques. Wara s-socjeta' konvenuta rceviet informazzjoni mill-Bank ta' barra li dawn ic-cheques "ma ssarfux". Is-socjeta' konvenuta ghalhekk talbet li dawn ic-cheques jigu lura ghandha izda giet informata li dawn ic-cheques intilfu fil-posta bejn il-banek.

Is-socjeta' konvenuta li kellha kopji tac-cheques ipprovat terga tippresenta dawn izda dawn ma gewx onorati minn dawk li hargu c-cheques favur l-attur. Kenneth William Vella ghas-socjeta' konvenuta qal li c-cheques ma gewx imsarfa mhux ghaliex intilfu izda ghaliex dawk li hargu c-cheques ma riedux jonoraw l-obbligazzjoni taghhom.

L-attur qal li cempel lil wiehed minn dawn iz-zewg Taljani u dan qallu li l-Bank tieghu jhallas biss jekk jigi ppresentat ic-cheque originali.

Illi s-socjeta' konvenuta esebiet ittra mill-Bank fejn jintqal:

"Our customers don't give us authorization to debit their account without production of cheque and with your letter of indemnity". (Fol. 15)

Mill-ittra ta' Goffin Bank NV li huwa l-Bank li gie mitlub mis-socjeta' konvenuta sabiex jippresenta dawn ic-cheques jirrisulta li ma kien hemm ebda ko-operazzjoni mill-Banek tal-klijenti tal-attur. (Fol 16).

Jirrisulta li l-ftehim kien li l-attur jithallas mis-socjeta' konvenuta biss meta dawn jirnexxilhom jiehdu l-flus ta' dawn ic-cheques.

L-attur qieghed jippretendi li s-socjeta' konvenuta thallas l-valur ta' dawn ic-cheques billi s-socjeta' konvenuta

"naqset li taghti kunsiderazzjoni u inoltre minn liema cekkijiet l-istess socjeta' konvenuta llum hija sprovvista".

Illi skond l-artikolu 1873 tal-Kodici Civil – "A mandatary is bound to carry out the mandate … and in case of non-performance he is answerable for damages and interest.

Artikolu 1874 jipprovdi li "A mandatary is answerable not only for fraud, but also for negligence in carrying out his mandate". Ma kien hemm xejn fl-agir tas-socjeta' konvenuta li kien jista jigi kritikat.

Illi f'dan il-kaz l-attur ma pprova ebda negligenza jew frawdi. Lanqas jallega negligenza fl-Avviz.

Illi jirrisulta z-zewg Taljani li originarjament ffirmaw ic-cheques naqsu li ihallsu dak li kienu obbligati li jhallsu. L-attur ma hax il-flus li kien hemm dovut lilu mhux ghaliex intilfu c-cheques izda ghaliex dawn iz-zewg Taljani ma kienux qed jagixxu "in good faith". Kieku kien hemm kienu jsibu mezz biex ihallsu lill-attur. It-Tribunal jinsab konvint li kieku t-Taljani kienu "in good faith" kienu jipproponu mezz sodisfacjenti ghalihom biex ihallsu dak li kien dovut lilhom jew kienu jaccettaw il-pagament kontra l-indemnity u l-kopji. Il-fatt biss li l-attur m'ghandux l-original tac-cheques ma jffisirx necessarjament li ma jistax jigbor dak li hemm dovut minnu.

Ghaldaqstant, jichad it-talba tal-attur. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------